# Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent

## Qari I

*Minnek għad joħroġli dak li jkun prinċep f'Iżrael.*

Mikea 5, 1-4a

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Mikea**

Dan jgħid il-Mulej:
1 «Int, Betlehem ta' Efrata,
ċkejkna fost il-familji ta' Ġuda,
minnek għad joħroġli
dak li jkun prinċep f'Iżrael;
hu għandu l-bidu tiegħu mill-qedem,
sa minn dejjem ta' dejjem.

2 Għalhekk il-Mulej jitlaqhom
sa meta teħles dik li hi fl-uġigħ tal-ħlas;
imbagħad il-bqija ta' ħutu
jerġgħu lura fost ulied Iżrael.
3 U hu joqgħod jirgħa l-merħla tiegħu
bil-qawwa tal-Mulej, bil-glorja ta' isem il-Mulej, Alla tiegħu.

U huma jgħammru fiż-żgur,
għax issa tkun kbira setgħetu,
sa trufijiet l-art.
4 U dan ikun is-sliem!»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 79 (80), 2aċ u 3b. 15-16. 18-19

R/. (4): Mulej, itfa' fuqna d-dija ta' wiċċek, u nkunu salvi

[2]O Ragħaj ta' Iżrael, agħti widen,
int li qiegħed fuq il-kerubini, [3]iddi.
Qajjem il-qawwa tiegħek,
u ejja ħa ssalvana. R/.

[15]Erġa' ejja, Alla tal-eżerċti;
ħares mis-sema, u ara,
u żur 'il din id-dielja.
[16]Ħu ħsieb dak li ħawlet lemintek,
ir-rimja li int kabbart għalik. R/.

[18]Ħa tkun idek fuq il-bniedem ta' lemintek,
fuq il-bniedem li int saħħaħt għalik.
[19]Aħna ma nitbegħdux minnek;
roddilna l-ħajja, u aħna nsejħu ismek. R/.





## Qari II

*Hawn jien, ġejt biex nagħmel ir-rieda tiegħek.*

Lhud 10, 5-10

**Qari mill-Ittra lil-Lhud**

Ħuti, [5]Kristu meta daħal fid-dinja qal:
«Sagrifiċċju u offerta int ma ridtx,
imma ġisem int ħejjejt għalija;
[6]vittmi maħruqa u vittmi għad-dnubiet
lilek ma għoġbukx.
[7]Jien imbagħad għedt: "Hawn jien, ġejt
biex nagħmel ir-rieda tiegħek, O Alla,
kif fil-ktieb hemm miktub fuqi."»

[8]L-ewwel qal: «Sagrifiċċji u offerti, vittmi maħruqa u vittmi
għad-dnubiet, la ridthom u lanqas għoġbuk», għalkemm dawn
titlobhom il-Liġi. [9]Imbagħad qal: «Hawn jien, ġejt biex nagħmel
ir-rieda tiegħek». B'hekk Alla neħħa s-sagrifiċċji tal-ewwel biex
iqiegħed flokhom tat-tieni. [10]Bis-saħħa ta' din ir-rieda aħna konna
mqaddsin, permezz tal-offerta tal-ġisem ta' Ġesù Kristu magħmula
darba għal dejjem.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Lq 1, 38

Hallelujah. R/. Hallelujah
Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej:
ħa jsir minni skont kelmtek!
R/. Hallelujah

# Evanġelju

***U minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi?***

Lq 1, 39-45

## ✠ Qari mill-Evanġelju skont San Luqa

39 F'dawk il-ġranet Marija qamet u marret tħaffef lejn l-għoljiet, f'belt tal-Lhudija.

40 Daħlet għand Żakkarija u sellmet lil Eliżabetta. 41 Malli Eliżabetta semgħet lil Marija ssellmilha, it-tarbija qabżet fil-ġuf tagħha u
Eliżabetta mtliet bl-Ispirtu s-Santu; 42 u nfexxet f'għajta kbira u qalet:
«Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek! 43 U
minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi? 44 Għax ara,
malli smajt f'widnejja leħen it-tislima tiegħek, it-tarbija li għandi fil-
ġuf qabżet bil-ferħ. 45 Iva, hienja dik li emmnet li jseħħ kulma bagħat
jgħidilha l-Mulej.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Tifħir lilek Kristu